# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/112

## tat-22 ta' Jannar 2020

## li jnaqqas il-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2019 minħabba sajd eċċessiv ta' stokkijiet oħrajn fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1726

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 105(1), (2), (3) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2018 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 ([2]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1970 ([3]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2360 ([4]), u

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 ([5]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2019 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1628 ([6]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 ([7]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2058 ([8]), u

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 ([9]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, hija għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1726 ([10]) stabbilixxa tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għal ċerti stokkijiet fl-2019 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel.

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jiffissa għall-2017 u l-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 32).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1970 tas-27 ta' Ottubru 2017 li jiffissa għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 281, 31.10.2017, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2360 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jiffissa għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 337, 19.12.2017, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1628 tat-30 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 272, 31.10.2018, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020 (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 7).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2058 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 329, 27.12.2018, p. 8).

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1726 tal-15 ta' Ottubru 2019 li jnaqqas il-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2019 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel (ĠU L 263, 16.10.2019, p. 3).

(5) Madankollu, għal ċerti Stati Membri ma seta' jsir ebda tnaqqis bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1726 mill-kwoti allokati għall-istokkijiet li nstadu b'mod eċċessiv, għaliex dawn il-kwoti mhumiex disponibbli għal dawk l-Istati Membri fis-sena 2019.

(6) L-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li, meta ma jkunx jista' jsir tnaqqis b'rabta mal-istokkijiet li jkunu ġew mistada żżejjed fis-sena ta' wara dik li fiha jkunu ġew mistada żżejjed minħabba li l-Istat Membru kkonċernat ma jkollux kwoti disponibbli għalihom, jista' jsir tnaqqis b'rabta ma' stokkijiet oħrajn fl-istess żona ġeografika jew bl-istess valur kummerċjali, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati. Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Nru 2012/C 72/07 li fiha Linji Gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105 (1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([11]), dan it-tnaqqis għandu preferibbilment jiġi operat fis-sena jew fis-snin ta' wara mill-kwoti allokati għall-istokkijiet mistada mill-istess flotta li tkun wettqet sajd żejjed mill-kwota.

(7) L-Istati Membri kkonċernati ġew ikkonsultati b'rabta mat-tnaqqis propost mill-kwoti allokati għal stokkijiet oħrajn minbarra dawk li ġew mistada żżejjed.

(8) F'ċerti każijiet, l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd konklużi f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) jippermettu t-tnaqqis b'rabta mal-istess stokkijiet fil-kuntest tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1726.

(9) Barra minn hekk, jidher li ċertu tnaqqis li jeżiġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1726 huwa iktar mill-kwota adattata disponibbli fl-2019 u għalhekk ma jistax isir kollu f'dik is-sena. Skont il-Komunikazzjoni 2012/C 72/07, jenħtieġ li l-ammonti li jifdal jitnaqqsu mill-kwoti adattati disponibbli fis-snin ta' wara sa ma jingħata lura l-ammont kollu tas-sajd żejjed.

(10) Xorta jistgħu jseħħu aktar aġġornamenti jew korrezzjonijiet wara d-detezzjoni, għall-eżerċizzju attwali jew preċedenti, ta' żbalji, omissjonijiet jew rappurtar ħażin fiċ-ċifri tal-qbid iddikjarati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1726 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2019 li huma stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2018/1628, (UE) 2018/2025, (UE) 2018/2058 u (UE) 2019/124 msemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitnaqqsu permezz tat-twettiq tat-tnaqqis tal-istokkijiet alternattivi stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1726 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'.

([11]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 (2012/C 72/07) (ĠU C 72, 10.3.2012, p. 27).

([12]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

**TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2019 GĦAL STOKKIJIET ALTERNATTIVI**

| STOKKIJIET MISTADA ŻŻEJJED | | | | | | STOKKIJIET ALTERNATTIVI | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwantità li ma tistax titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2019 għall-istokk mistad iżżejjed (f'kilogrammi) | Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwantità li trid titnaqqas mill-kwota tas-sajd tal-2019 għall-istokkijiet alternattivi |
| **ES** | GHL | 1N2AB. | Ħalibatt tal-Greenland | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | 41 604 | **ES** | HAD | 1N2AB. | Merluzz tal-linja sewda | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | 26 783 |
| | | | | | | | COD | 1N2AB. | Bakkaljaw | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | 3 418 |
| | | | | | | | RED | 1N2AB. | Redfish | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | 6 786 |
| | | | | | | | RED | 51214D | Redfish | l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 | 4 617 |
| **FR** | GHL | 1N2AB. | Ħalibatt tal-Greenland | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | 15 380 | **FR** | RED | 1N2AB. | Redfish | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | 15 380 |
| **NL** | WHG | 56-14 | Merlangu | 6; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 | 4 492 | **NL** | WHG | 2AC4. | Merlangu | 4; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 2a | 4 492 |
| **UK** | RHG | 5B67- | Grenadier rasu raffa | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni Vb, VI u VII | 5 016 | **UK** | RNG | 5B67- | Grenadier imnieħru tond | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni 5b, 6 u 7 | 5 016 |

*ANNESS II*

L-Anness tar-Regolament ta"Implimentazzjoni (UE) 2019/1726 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS*

**TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2019**

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2018 (f'kilogrammi) | Ħatt l-art permess għall-2018 totali adattata f'kilogrammi) [1] | Qabdiet totali li saru fl-2018 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess | Is-sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni [2] | Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni [3] [4] | It-tnaqqis pendenti mis-sena jew mis-snin ta' qabel [5] (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 [6] u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet mistada żżejjed [7](il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet alternattivi f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1726 [8] (il-kwantità f'kilogrammi) | Ammont li għandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2020 u għas-sena jew għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **BE** | RJE | 7FG. | Raja għewejna | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 7f u 7 g | 14 000 | 15 400 | 19 888 | 129,14 % | 4 488 | 1,00 | / | / | 4 488 | 4 488 | / | / |
| **BE** | RJU | 07D. [9] | Raja ondjata | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 7d | 2 000 | 969 | 1 394 | 143,86 % | 425 [10] | N/A | N/A | 2 617 | 2 617 | 2 617 | / | / |
| **DE** | COD | 3BC+24 | Bakkaljaw | Is-subdiviżjonijiet 22 sa 24 | 1 194 000 | 1 349 400 | 1 393 360 | 103,26 % | 43 960 | / | C [11] | / | 43 960 | 43 960 | / | / |
| **DK** | COD | 3BC+24 | Bakkaljaw | Is-subdiviżjonijiet 22 sa 24 | 2 444 000 | 2 594 270 | 2 617 780 | 100,91 % | 23 510 | / | C [11] | / | 23 510 | 23 510 | / | / |
| **ES** | BET | ATLANT | Tonn obeż | L-Oċean Atlantiku | 9 791 920 | 9 281 920 | 9 756 069 | 105,11 % | 474 149 | / | C [11] | / | 474 149 | 474 149 | / | / |
| **ES** | GHL | 1N2AB. | Ħalibatt tal-Greenland | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | / | 0 | 27 736 | Mhux applikabbli | 27 736 | 1,00 | A | / | 41 604 | / | 41 604 | / |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2018 (f'kilogrammi) | Ħatt l-art permess għall-2018 (il-kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1) | Qabdiet totali li saru fl-2018 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess | Is-sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4) | It-tnaqqis pendenti mis-sena jew mis-snin ta' qabel (5) (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 (6) u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet mistada żżejjed (7)(il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet alternattivi f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1726 (8) (il-kwantità f'kilogrammi) | Ammont li għandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2020 u għas-sena jew għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **ES** | GHL | N3LMNO | Ħalibatt tal-Greenland | NAFO 3LMNO | 4 534 000 | 4 496 772 | 4 508 020 | 100,25 % | 11 248 | / | A(11)+C(11) | / | 11 248 | 11 248 | / | / |
| **ES** | NEP | *07U16 | Skampu | L-unità funzjonali 16 tas-sub-żona 7 tal-ICES | 825 000 | 155 000 | 158 375 | 102,18 % | 3 375 | / | / | / | 3 375 | 3 375 | / | / |
| **ES** | RJU | 9-C. | Raja ondjata | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 | 15 000 | 15 000 | 17 067 | 113,78 % | 2 067 | 1,00 | / | / | 2 067 | 0 | / | 2 067 |
| **ES** | YFT | IOTC | Tonn isfar | Iż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC | 45 682 000 | 45 354 940 | 44 964 373 | 99,14 % | - 390 567 (12) | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | 2 138 460 | 2 138 460 | 2 138 460 | / | / |
| **EE** | COD | N3M. | Bakkaljaw | NAFO 3M | 124 000 | 916 170 | 953 232 | 104,05 % | 37 062 | / | / | / | 37 062 | 37 062 | / | / |
| **FR** | GHL | 1N2AB. | Ħalibatt tal-Greenland | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | / | 0 | 18 084 | Mhux applikabbli | 18 084 | 1,00 | / | / | 18 084 | 2 704 (13) | 15 380 | / |
| **IE** | HER | 07 A/MM | Aringi | 7a | 1 826 000 | 1 850 311 | 1 979 666 | 106,99 % | 129 355 | / | / | / | 129 355 | 129 355 | / | / |
| **IE** | MAC | 2CX14- | Kavall | 6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali ta' 2a, 12 u 14 | 69 141 000 | 66 541 055 | 66 965 925 | 100,64 % | 424 870 | / | / | / | 424 870 | 424 870 | / | / |

| Stat Membru | Kodiċi tal-isperċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-isperċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2018 (f'kilogrammi) | Ħatt l-art permess għall-2018 (il-kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1) | Qabdiet totali li saru fl-2018 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess | Is-sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4) | It-tnaqqis pendenti mis-sena jew mis-snin ta' qabel (5) (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 (6) u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet mistada żżejjed (7)(il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet alternattivi f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1726 (8) (il-kwantità f'kilogrammi) | Ammont li għandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2020 u għas-sena jew għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **NL** | POK | 2C3A4 | Pollakkju iswed | 3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a | 110 000 | 210 994 | 265 115 | 125,65 % | 54 121 | 1,00 | / | / | 54 121 | 54 121 | / | / |
| **NL** | WHG | 56-14 | Merlangu | 6; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 | / | 0 | 4 492 | Mhux applikabbli | 4 492 | 1,00 | / | / | 4 492 | / | 4 492 | / |
| **PL** | COD | 3BC+24 | Bakkaljaw | Is-subdiviżjonijiet 22 sa 24 | 654 000 | 786 200 | 858 164 | 109,15 % | 71 964 | / | C (11) | 32 331 | 104 295 | 104 295 | / | / |
| **PT** | ALF | 3X14- | Fonsa ħamra | l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV | 182 000 | 179 044 | 184 010 | 102,77 % | 4 966 | / | / | / | 4 966 | 4 966 | / | / |
| **PT** | BET | ATLANT | Tonn obeż | L-Oċean Atlantiku | 3 717 470 | 4 152 470 | 4 405 184 | 106,09 % | 252 714 | / | C (11) | / | 252 714 | 252 714 | / | / |

| Stat Membru | Kodiċi tal-isperċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-isperċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2018 (f'kilogrammi) | Ħatt l-art permess għall-2018 (il-kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1) | Qabdiet totali li saru fl-2018 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess | Is-sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4) | It-tnaqqis pendenti mis-sena jew mis-snin ta' qabel (5) (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 (6) u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet mistada żżejjed (7)(il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet alternattivi f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1726 (8) (il-kwantità f'kilogrammi) | Ammont li għandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2020 u għas-sena jew għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PT** | BFT | AE45WM | Tonn | L-Oċean Atlantiku fil-Lvant ta' 45° W u l-Mediterran | 470 190 | 437 190 | 450 343 | 103,01 % | 13 153 | / | C (11) | / | 13 153 | 13 153 | / | / |
| **PT** | BUM | ATLANT | Marlin blu | L-Oċean Atlantiku | 50 440 | 45 428 | 74 337 | 163,64 % | 28 909 | 1,00 | A | / | 43 364 | 43 364 | / | / |
| **PT** | RJU | 9-C. | Raja ondjata | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 | 15 000 | 33 000 | 36 295 | 109,98 % | 3 295 | / | / | / | 3 295 | 3 295 | / | / |
| **UK** | COD | N1GL14 | Bakkaljaw | L-ilmijiet ta' Greenland li jinsabu fiż-żona 1F tan-NAFO u l-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5, 12 u 14 | 382 000 | 497 520 | 512 187 | 102,95 % | 14 667 | / | / | / | 14 667 | 10 500 | / | 4 167 |
| **UK** | GHL | 1N2AB. | Ħalibatt tal-Greenland | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | 25 000 | 22 000 | 24 434 | 111,06 % | 2 434 | 1,00 | / | / | 2 434 | 2 434 | / | / |
| **UK** | HER | 4AB. | Aringi | L-ilmijiet tal-Unjoni u Norveġiżi ta' 4 fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N | 79 381 000 | 84 694 795 | 84 739 599 | 100,05 % | 44 804 | / | / | / | 44 804 | 44 804 | / | / |

| Stat Membru | Kodiċi tal-isperċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-isperċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2018 (f'kilogrammi) | Ħatt l-art permess għall-2018 (il-kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1) | Qabdiet totali li saru fl-2018 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess | Is-sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4) | It-tnaqqis pendenti mis-sena jew mis-snin ta' qabel (5) (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 (6) u għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet mistada żżejjed (7)(il-kwantità f'kilogrammi) | Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2019 għall-istokkijiet alternattivi f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1726 (8) (il-kwantità f'kilogrammi) | Ammont li għandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2020 u għas-sena jew għas-snin ta' wara (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **UK** | MAC | 2CX14- | Kavall | 6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 2a, 12 u 14 | 190 143 000 | 186 253 028 | 189 644 893 | 101,82 % | 3 391 865 | / | A (11) | / | 3 391 865 | 3 391 865 | / | / |
| **UK** | POK | 1N2AB. | Pollakkju iswed | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 | 182 000 | 459 700 | 463 509 | 100,83 % | 3 809 | / | / | / | 3 809 | 3 809 | / | / |
| **UK** | RHG | 5B67- | Grenadier rasu raffa | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' Vb, VI u VII | 1 510 | 1 510 | 7 588 | 502,52 % | 6 078 | 1,00 | / | / | 6 078 | 1 062 | 5 016 (14) | / |
| **UK** | WHG | 56-14 | Merlangu | 6; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona 5b; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 | 122 000 | 124 060 | 139 470 | 112,42 % | 15 410 | 1,00 | / | / | 15 410 | 15 410 | / | /" |

(1) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2017 għall-2018 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(2) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

(3) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

(4) L-ittra "A" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li kien hemm sajd eċċessiv b'mod konsekuttiv fl-2016, fl-2017 u fl-2018. L-ittra "C" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li l-istokk huwa soġġett għal pjan pluriennali.

(5) Il-kwantitajiet li fadal mis-sena jew mis-snin ta' qabel.

(6) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2019.

(7) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2019 li jista' jsir fir-realtà meta wieħed iqis il-kwota disponibbli fit-22 ta' Ottubru 2019.

(8) ĠU L 263, 16.10.2019, p. 3.

(9) Għandu jitnaqqas minn RJU/7DE. (l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 7d u 7e).

(10) Il-kwantitajiet ta' inqas minn tunnellata ma jitqisux.

(11) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ma jistax jiġi applikat billi s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-ħatt l-art permess.

(12) It-tnaqqis ma jistax jitnaqqas b'din il-kwantità li ma ntużatx minħabba li l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax għall-istokk YFT/IOTC.

(13) Għalkemm Franza ma kellhiex kwota oriġinali għal dan l-istokk mistad iżżejjed, hija kkonkludiet skambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jippermettu li jsir tnaqqis parzjali mill-istess stokk.

(14) Irid jitnaqqas minn RNG/5B67- (grenadier imnieħru tond fl-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali ta' Vb, VI u VII. fs